Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,978, 20 ta' Diċembru, 2022
Taqsima B

A.L. 360 tal-2022

ATT DWAR IL-ĠESTJONI TAL-FINANZI PUBBLIĊI (KAP. 601)

Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar il-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi, il-Ministru responsabbli għall-finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 601.03.

Jemenda r-regolament 286 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara s-subregolament (3) tar-regolament 286 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(4) Il-Qorti tal-Appell għandu jkollha s-setgħa illi tordna li n-notifika ta' kwalunkwe att ġudizzjarju ssir permezz ta' posta elettronika. F'dak il-każ, id-data tan-notifika għandha tkun l-istess data ta' meta l-posta elettronika tkun intbagħtet.".